**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 401/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Grazio Vella**

**Illum 12 ta' Ġunju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, **Grazio Vella** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0013561M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

- Nhar it-3 ta' Ġunju 2018, ġewwa r-Ring Road biswit Raca Parking, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12:30) waqt li kien qiegħed isuq taxi tal-għamla Mercedes bin-numru TAXI 127M, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq Stephan Weber ta' nazzjonalita' Ġermaniża.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Novembru 2025, fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-imputazzjoni

miġjuba fil-konfront tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena *stante* li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienx hemm il-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Diċembru, 2024 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Grazio Vella ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

Illi, b'kull rispett, l-appellant jghid li ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma hemmx il-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati waslet għal dik il-konklużjoni wara li ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Stephan Weber u Susanne Ruttman u l-MPS report u li kwalsijasi referenza għall-istess kellhom jiġu skartati. Dik il-Qorti kompliet tesprimi ruhha hekk:

> *Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza P vs Pierre Gravina 26/5/03 per Prim' Imħallef Emeritus V Degaetano Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn intqal li stqarrijiet ta' terzi xhieda li ma jkunux ingabu ai fini ta' eżami u kontro eżami viva voce għandhom jiġu skartati.*

Fil-fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u tal-prinċipji u argumenti legali mressqa quddiemha, u konsegwentement ma sabitx li l-fatt kien fih l-ingredjenti/l-elementi tar-reat li tiegħu l-appellat kien akkużat. Għalhekk, illiberat lill-appellat.

L-ewwel nett, l-esponent jisħaq li x-xhieda ta' Stephan Weber u Susanne Ruttman u r-rapport tal-Pulizija u kwalunkwe referenza għall-istess ma kellhomx jiġu sfilzati/skartati, u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Meta wieħed jifli l-atti proċesswali, wieħed jinduna li fl-ebda seduta d-difiża ma verbalizzat li riedet li jitilgħu jixhdu Stephan Weber u Susanne Ruttman sabiex isirilhom il-kontro-eżami. Meta wieħed jara l-verbal tas-seduta ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020, liema seduta kienet mizmuma mill-perit legali Dr Katya Vassallo maħtura mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Novembru 2019 sabiex jisma' x-xhieda kollha u jirrediġi rapport, u liema verbal jinsab inserit *a folio* 157 tal-atti tal-inkjesta (peress li bi zvista r-rapport ta' Dr Vassallo gie inserit fl-atti tal-inkjesta), ġie verbalizzat li "seduta ohra giet iffissata għat-18 ta' Novembru 2020 fil-hdax u nofs ghall-provi difiza". Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2020, xehed l-appellat u ġie verbalizzat "seduta ohra giet iffissata ghat-13 ta' Jannar 202[1] fl-10 am ghall-gheluq tal-provi difiza u sottomissjonijiet finali" (Il-verbal ta' din is-seduta huwa inserit *a folio* 159 tal-atti tal-inkjesta). Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 kulma ġie verbalizzat huwa hekk (il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 jinsab inserit a folio 171 tal-atti tal-inkjesta):

   *Dehru PCO Christabel Zammit, l-imputat Grazio Vella flimkien mall-Avukat tiegħu Dr Rene Darmanin.*
   *Saru s-sottomissjonijiet finali minghand l-Avukat Difensur Dr Rene Darmanin.*
   *Il-Perit Legali ha tghaddi ghar-rapport taghha liema rapport ha tipprezentah il-Qorti.*

   Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022, li kienet mizmuma mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ġie verbalizzat li *xehdet Dr Katya Vassallo li esebit Dok GV, id-difiża talbet differiment biex tkun tista' tara sew ir-rapport ta' Dr Vassallo u l-kawża ġiet differita għall-5 ta' Diċembru 2022 għall-eżami tar-rapport, trattazzjoni u sentenza (verbal a folio 37 tal-atti proċesswali). Fis-seduta*

*tal-5 ta' Diċembru 2022, dehru l-Ispettur Charlotte Curmi għall-Prosekuzzjoni u l-imputat qua appellat, u l-kawża ġiet differita għat-2 ta' Mejju 2023* (verbal *a folio* 41 tal-atti proċesswali).

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2023, reġgħet xehdet Dr Katya Vassallo. Din ix-xhieda tagħha, li tinsab inserita *a folii* 44 sa 47 tal-atti proċesswali, tindika li l-*parte civile* qatt ma xehdu quddiemha, li hi straħet fuq id-depożizzjoni tagħhom li tinsab fil-proċess verbal, li s-Supretendent Louise Calleja kienet spjegatilha d-diffikultajiet biex tintraċċa l-*parte civile* u li l-kontro eżami ma sar qatt għax ma setax isir. F'din is-seduta ġie verbalizzat (verbal jinsab inserit *a folii* 42 u 43 tal-atti proċesswali) li d-difiża talbet li jixhed l-espert Dr Mario Buttigieg maħtur fl-inkjesta maġisterjali għal xi kjarifiċi rigwardanti l-veloċita' tat-taxi; il-Prosekuzzjoni opponiet stante li t-talba setgħet saret fis-seduta preċedenti u dawn kienu proċeduri sommarji; il-Qorti ċaħdet it-talba; id-difiża talbet żmien sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha rigwardanti x-xhieda li ma sarx il-kontro-eżami tagħhom; il-Qorti akkordat għaxart ijiem sabiex isir rikors fir-rigward ta' dan u għaxart ijiem lill-Prosekuzzjoni min-notifika għar-risposta; u l-kawża ġiet differita għall-informazzjoni ulterjuri għat-30 ta' Ottubru 2023.

Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2023, gie verbalizzat (verbal jinsab inserit *a folio* 48 tal-atti proċesswali) li l-Qorti ordnat notifika lill-prosekuzzjoni tar-rikors tas-17 ta' Mejju 2023, ikkoncediet tliet gimghat zmien ghar-risposta tal-prosekuzzjoni, il-kawza giet differita ghall-4 ta' Dicembru 2023 ghat-trattazzjoni ulterjuri tar-rikors jekk ikun il-kaz u ghat-trattazzjoni tal-kaz. Imbaghad, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2023, gie verbalizzat (verbal jinsab inserit *a folii* 51 u 52 tal-atti proċesswali) li d-difiza strahet fuq dak li kien hemm fir-rikors taghha tas-17 ta' Mejju 2023; il-prosekuzzjoni qaghdet fuq dak li kien hemm fl-atti tal-inkjesta; il-Qorti laqghet l-ewwel u t-tieni talba tad-difiza imsemmija fir-rikors u ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Stephan Weber u Susanne Ruttman; il-Qorti ordnat l-isfilz tad-dikjarazzjoni taghha u cioe l-MPS report; il-Qorti laqghet limitatament it-tielet talba tad-difiza billi ordnat li r-rapporti kellhom jibqghu in atti imma kwalsiasi referenza ghax-xhieda ta' Stephan Weber u Susanne Ruttman u d-dikjarazzjoni misjuba f'Dok AM1 ossija MPS report kellhom jigu skartati u

kwalsiasi konkluzzjoni fejn dawn inghatat referenza ghalihom; id-difiza ghalqet il-provi; saret it-trattazzjoni; u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Ottubru 2024. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2024 (verbal jinsab inserit *a folio* 56 tal-atti processwali), il-kawza giet differita ghas-26 ta' Novembru 2024 ghas-sentenza.

Il-punt hu li fl-ebda seduta ma ġie verbalizzat li d-difiza talbet li jixhdu l-*parte civile* sabiex tagħmel il-kontro-eżami taghhom, bħalma ġie verbalizzat li talbet li jixhed Dr Mario Buttigieg ghal xi kjarifici. *Di piu'*, ir-rikors relattiv li d-difiza intavolat fis-17 ta' Mejju 2023 teknikament ukoll ma jsemmix li d-difiza talbet li jixhdu l-parte civile sabiex taghmel kontro-ezami lill-*parte civile*. Isemmi biss li l-*parte civile* qatt ma nġabu bhala xhieda f'dawn il-proċeduri, li l-prosekuzzjoni, minkejja li għamlet l-almu tagħha, baqgħet qatt ma setgħet tintraċċahom u li b'hekk id-difiża ma setgħet qatt tagħmel kontro-eżami tagħhom. *Pero'*, dan kollu huwa ferm differenti minn talba tad-difiża lill-Qorti sabiex jixhdu l-*parte civile* sabiex tkun tista' tagħmlilhom il-kontro-eżami.

2. *Inoltre*, l-esponent jirrileva li, kuntrarjament għal dak li allegat id-difiża u l-Qorti, il-Qorti setgħet tieħu konjizzjoni tax-xhieda tal-*parte civile* – senjatament ghax-xhieda ta' Susanne Ruttman li ttieħdet nhar l-4 ta' Ġunju 2018 f'seduta miżmuma ġewwa l-għassa ta' Tas-Sliema u ghax-xhieda ta' Stephan Weber li ttieħdet nhar is-7 ta' Ġunju 2018 f'seduta miżmuma ġewwa s-sala Orthopaedic Ward No 1, iz-zewg seduti mizmumin minn Dr Mario Buttigieg, l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti bħala perit tekniku – għax il-liġi stess tippermetti dan. L-esponent jagħmel referenza għall-Artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi hekk:

> *(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:*
>
> *Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċċirkostanzi tal-każ,*

*huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):*

*...*

*(9) Il-validità tal-atti hawn fuq imsemmija u l-ammissibbiltà tagħhom ma jistgħux jiġu attakkati minħabba li ma jkunx jidher mill-atti nfishom li ġew magħmula jew irċevuti bil-ġurament jew b'xi solennità oħra meħtieġa mil-liġi, jekk it-teħid ta' dan il-ġurament jew it-tħaris ta' din is-solennità jiġi ippruvat b'xi mod ieħor.*

*(11) Meta jingħad li xi xhud miet, siefer jew ma jkunx jista' jinstab, il-qorti tista' tqis l-allegazzjoni ppruvata bir-rapport maħluf tal-marixxall jew uffiċjal esekutur ieħor illi bih iwettaq li huwa sar jaf żgur li dak ix-xhud hu mejjet jew imsiefer, jew li huwa għamel it-tfittxija li tinħtieġ u ma rnexxilux isibu.*

L-esponent josserva li filwaqt li fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Stephan Weber, l-espert niżżel li x-xhieda tiegħu ttieħdet bil-ġurament, fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Susanne Ruttman, bi żvista, l-espert ma niżżilx li x-xhieda tagħha ttieħdet bil-ġurament u minflok kiteb "affirmat". Madankollu, l-esponent jinnota wkoll li *a folio* 48 tal-atti tal-inkjesta, Dr Mario Buttigieg ppreżenta bil-ġurament ir-relazzjoni tiegħu lil Maġistrat Inkwirenti Dr Charmaine Galea, liema relazzjoni kien immarkat bħala Dok MB, jinsab inserit *a folii* 49 sa 85 tal-atti tal-inkjesta u jikkontjeni l-imsemmija xhieda, u l-espert ħalef li qeda onestament u fedelment l-inkarigu mogħti lilu. Isegwi li t-tehid tal-gurament jew it-tharis ta' din is-solennita' gie ppruvat b'mod iehor, hekk kif ravvizat fl-Artikolu 646(9) tal-Kodici Kriminali.

L-esponent jagħmel referenza wkoll għax-xhieda ta' Dr Katya Vassallo ta' nhar it-2 ta' Mejju 2023 miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fuq imsemmija, fejn ikkonfermat li s-Supretendent Louise Calleja kienet spjegatilha d-diffikultajiet biex tintraċċa l-*parte civile*, li wara kollox kienu xehdu quddiem l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti kif spjegat hawn fuq.

Isegwi li l-elementi ravvizati fl-Artikoli 646(2) u 646(11) tal-Kodici Kriminali gew sodisfatti.

3. Strettament mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad hawn fuq, l-esponent jagħmel referenza għan-nota numru 4 f'qiegħ il-paġna 5 tas-sentenza **Il-Pulizija vs Pierre Gravina,** moghtija minn din l-Onorabbli fis-26 ta' Mejju 2003 fuq imsemmija, liema sentenza għamlet referenza għaliha l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Din in-nota tgħid hekk:

> **Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smigh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kienux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati.** Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth ***Human Rights and Criminal Justice*** Sweet & Maxwell (London) 2001: "What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: **the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute.** Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much *affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to*

> *render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explianed by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"." (para. 15-114, 15-115, pagna 465).*

L-esponent isostni li l-appellat kellu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u x-xhieda tal-parte civile mhumiex l-uniku prova kontra l-appellat. Di piu', ta' min jinnota li f'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qed titkellem fuq stqarrija ġuramentata li nġiebet mill-Prosekuzzjoni bħala provi ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u spjegat hekk:

> *L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap.101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[1] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah.*

[1] 661: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

Pero' fil-każ odjern, l-imsemmi Artikolu 30A m'għandu l-ebda rilevanza u konsegwentement l-insenjament hawn fuq surriferit ma japplikax għal dan il-każ.

Għalhekk, għar-raġunijiet fuq imsemmija, **l-esponent isostni li x-xhieda ta' Susanne Ruttman u Stephan Weber u kwalunkwe referenza ghalihom u r-rapport tal-Pulizija m'ghandhomx jiġu sfilzati jew skartati imma għandhom jibqħu fl-atti proċesswali u jittieħdu in konsiderazzjoni.**

Illi *inoltre*, l-esponent huwa tal-umli fehma li mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati – essenzjalment, il-process verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Charmaine Galea, kontenenti r-rapporti tal-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti, senjatament ir-rapporti ta' PS 826 Matthew Parnis bhala Scene of Crime Officer (*a folii* 12 sa 28 tal-atti tal-inkjesta), Dr Mario Scerri bhala espert mediku (*a folii* 35 sa 47 tal-atti tal-inkjesta) u Dr Mario Buttigieg bħala espert tekniku (*a folii* 49 sa 85 tal-atti tal-inkjesta), liema rapport jikkontjeni *inter alia* x-xhieda ta' Susanne Ruttman u Stephan Weber; ir-rapport tal-espert mahtur mill-Qorti tal-Magistrati Dr Katya Vassallo (*a folii* 94 sa 176 tal-atti tal-inkjesta, peress li bi żvista, dan ir-rapport ġie magħqud mal-atti tal-inkjesta), liema rapport jikkontjeni inter alia x-xhieda tas-Supretendent Louise Calleja li tikkonferma inter alia r-rapport tal-Pulizija, ix-xhieda tal-Ispettur Audrey Micallef u x-xhieda tal-appellat; ir-rapport tal-Pulizija NPS SB/MIA/1162/2018, li ġie mmarkat bħala Dok AM 1, jifforma parti mir-rapport tal-espert Dr Katya Vassallo u inserit *a folii* 134 sa 143 tal-atti tal-inkjesta); u x-xhieda ta' Dr Katya Vassallo ta' nhar il-31 ta' Mejju 2022 u ta' nhar it- 2 ta' Mejju 2023 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati – wieħed jinduna attwalment il-fatti x'kienu, kif kienet id-dinamika tal-inċident mertu tal-każ odjern u li r-reat li tiegħu l-appellat huwa akkużat jissussisti.

Illi mir-rapport ta' PS 826 Matthew Parnis surriferit, liema rapport jikkontjeni ritratti li juru l-vettura tal-appellat, it-triq u t-temp ta' kif kien dakinhar tal-inċident, wieħed jinduna li t-triq kienet dritta u ċatta, kienet ix-xemx, il-viżibilità kienet tajba, it-triq kienet xotta u ma kien hemm l-ebda ostakoli fit-triq fejn sar l-inċident.

Illi mir-rapport ta' Dr Mario Buttigieg fuq imsemmi, jidher li Susanne Ruttman, fis-seduta ta' nhar l-04 ta' Ġunju 2018 miżmuma minn Dr Mario Buttigieg, xehdet is-segwenti: Hi u r-raġel tagħha Stephan Weber waslu l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar. Stephan Weber ipparkja l-vettura tal-kiri fil-parkeġġ tal-kiri tal-karozzi, ħadu l-bagalji tagħhom u bdew jimxu lejn iż-zebra crossing. Is-Sur Weber kien l-ewwel wieħed li beda jaqsam it-triq. Qabel ma hi bdiet taqsam it-triq, lemħet vettura bajda ġejja li kienet għada 'l bogħod. Hi osservat li bil-veloċita' li kien għaddej, seta' jieqaf f'distanza adegwata. Pero' is-sewwieq la naqqas il-veloċita' u wisq anqas waqaf. Hi nnotat li l-ewwel darba li rat lis-sewwieq kien qed isuq fuq il-karreġġata tax-xellug u imbagħad biddel karreġġata. Meta r-raġel tagħha wasal fin-nofs tan-naħa tal-lemin tat-triq, huwa ntlaqat minn din il-vettura li kienet taxi. Hi semgħet il-ħabta iżda ma semgħet l-ebda ħoss ta' brejkijiet. Qabel ma Stephan intlaqat, hi kienet għadha fl-ewwel kwart taż-*zebra crossing* meta f'daqqa waħda rat lir-raġel tagħha jtir fl-arja. Din ix-xhieda tinsab inserita *a folio* 83 tal-atti tal-inkjesta.

Illi mir-rapport ta' Dr Mario Buttigieg fuq imsemmi, jidher li Stephan Weber, fis-seduta ta' nhar is-07 ta' Ġunju 2018 miżmuma minn Dr Mario Buttigieg, xehed is-segwenti: Hu u l-mara tiegħu kienu sejrin lura lejn il-Ġermanja wara li qattgħu ġimgħa Malta. Huwa pparkja l-vettura tal-kiri fiż-żona tal-parkeġġ merfugħ għall-karozzi tal-kiri. Wara li rappreżentant tas-Sixth Car Rentals iċċekkja l-karozza u kkonferma li kollox kien sew, ħadu l-bagalji tagħhom u bdew jimxu lejn id-*Departures* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. L-aħħar ħaġa li jiftakar kien li kien qed jimxi viċin iż-*zebra crossing* u minn hemm 'il quddiem ma jiftakar xejn aktar. Din ix-xhieda tinsab inserita *a folio* 84 tal-atti tal-inkjesta.

Illi l-esponent jirrileva li peress li l-appellat ma ngħatax id-drittijiet tiegħu meta ta l-verżjoni tiegħu lill-pulizija *a tempo virgine*, huwa se jiskarta din il-verżjoni. Madankollu, l-esponent jagħmel referenza għax-xhieda tal-appellat fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Novembru 2020 mizmuma mill-perit legali Dr Katya Vassallo, liema xhieda tinsab inserita fir-rapport taghha, senjatament *a folii* 160 sa 164 tal-atti tal-

inkjesta, peress li, kif inghad diga' aktar 'il fuq, ir-rapport ta' Dr Vassallo ġie inserit fl-atti tal-inkjesta. Din ix-xhieda tal-appellat u ġiet meħuda skont il-liġi u l-appellat kien assistit mill-avukat difensur tiegħu Dr Rene Darmanin. F'din ix-xhieda, l-appellat jammetti li fit-3 ta' Ġunju 2018, għall-ħabta ta' nofs siegħa ta' wara nofsinhar kien qed isuq it-taxi tiegħu fid-daħla tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Huwa spjega li kien dieħel l-Ajruport fejn, wara li qabeż iż-*zebra crossing*, qasamlu raġel minn ġos-siġar, għalhekk għafas il-*break* u waqaf mill-ewwel. Huwa allega li kien qed isuq b'veloċita' ta' bejn 25 u 30 km fis-siegħa (*a folio* 161 tal-atti tal-inkjesta).

**Illi l-esponent jissottometti li kemm Susanne Ruttman u kemm Stephan Weber kienu dejjem konsistenti f'kull stadju tal-investigazzjoni u prosekuzzjoni u x-xhieda taghhom tikkorrobora lil ta' xulxin. *Di piu'*, ir-relazzjoni ta' Dr Mario Buttigieg tikkonsolida x-xhieda tal-*parte civile* u mhux tal-appellat. L-esponent jagħmel referenza għar-rapport ta' Dr Buttigieg fejn spjega fid-dettal x'wassal ghall-konkluzjonijiet tiegħu li jinsabu *a folii* 71 sa 73 tal-atti tal-inkjesta. Kruċjali huwa l-fatt illi minn investigazzjonijiet u kalkoli li għamel l-espert irriżulta li Grazio Vella kien qed isuq il-vettura tiegħu b'velocita' ta' bejn tmienja u tletin (38) u erbgha u tmenin (48) kilometru fis-siegħa qabel l-impatt ma' Stephan Weber (*a folio* 68 tal-atti tal-inkjesta). *Inoltre*, fl-opinjoni tal-espert, l-appellat ma kellux ostakoli quddiem fi triq dritta waqt li hu kien qed isuq il-vettura tiegħu (*a folio* 69 tal-atti proċesswali). Isegwi li Susanne Ruttman hija kredibbli u li l-appellat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċità' eċċessiva fl-inħawi ta' fejn kien hemm iż-*zebra crossing* li minn fuqha kienu qed jaqsmu Stephan Weber u Susanne Ruttman.**

Illi l-esponent jagħmel referenza għall-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ġurisprudenza fir-rigward ta' dawn l-Artikoli, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramona Borg**, deċiża fis-26 ta' Settembru 2023, fejn din l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

> Illi din il-Qorti ma tistax tuzurpa d-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti dwar apprezzament tax-xhieda ghaliex dan hu fatt u li jithalla

fil-gudizzju taghha PERO din il-Qorti meta rinfaccjata b'xhieda li m'hiex onsistenti ghandha tissindika u tara liema hija x-xhieda l-iktar kredibbli u dan ghaliex l-attendenza ta' xhud hija wahda mill-elementi importanti dwar apprezzament ta' xhud kif rikjest fl-artikou [637] tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Il-Qorti fl-apprezzament tax-xhieda ghandha tara min hu l-iktar kredibbli u attendibbli fic-cirkostanzi u kwadru tal-provi imresqa.

...

L-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover talProsekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[2] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Illi l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Calleja</u>** deċiża fis-26 ta' Settembru 2023, fejn din il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li lkaż ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.*[4]

[3] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

Illi, *inoltre*, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis A**, deċiża mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Ottubru 2023, fejn dik il-Qorti tenniet is-segwenti:

> *Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:*
>
> *'Id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz.'*
>
> *Hawnhekk il-legislatur ried li l-gudikant sabiex jaghzel is-sikkrana mill-qamh li jqis certu dettal fir-rigward ta' imgieba, il-manjiera ta' kif xhud igib ruhu meta jigi mistoqsi d-domandi u cioe' jekk iwegibx, jekk hux reluttanti, jekk hux anzjuz li jwiegeb, jekk jurix dubbju f'dak li qed jghid u jekk jaghmilx eye-contact ma' min qed isaqsih. Fir-rigward ta' kondotta l-Qorti trid tqies il-mannerisms tieghu u f'sens ta' body language u komportament. Trid tqis ukoll l-karattru ta' xhud u cioe' jekk hux misthi, riservat jew inkella kif giet deskritta l-vittma stess 'without boundaries'. Trid tara jekk dak li qalu x-xhieda u hawnhekk issir referenza kemm lejn ix-xhieda tal-akkuzat, kif ukoll dik tal-vittma jekk dak li qalu hux minnu u jekk hux attendibbli. Il-Qorti trid tqis ukoll in konkluzjoni ma dan l-ezercizzju, kull fattur iehor li jista' b'xi mod jikollabora jew icahhad dak li effettivament ikun intqal mix-xhieda u dan bil-ghan li jsir tishieh fix-xhieda li hija sejra tabracca bhala veritiera.*

**Illi, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-esponent isostni li l-verżjoni ta' Susanne Ruttman u Stephan Weber hija veritiera u għandha mis-sewwa. Kwindi,**

**il-fatti rilevanti attwalment kienu li (i) fit-3 ta' Gunju 2018, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12:30), l-appellat kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TAXI 127M fi Triq Bir Miftuh li taghti ghall-entratura tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta vicin il-parkegg maghruf bhala RACA Car Park; (ii) Stephan Weber u Susanne Ruttman kienu qed jaqsmu t-triq min-naħa tax-xellug għan-naħa tal-lemin; (iii) Stephan Weber kien beda jaqsam it-triq fuq jew vicin iz-zebra crossing u kien fil-fatt qasam tliet kwarti tat-triq u kien diga' wasal fin-nofs tan-naha tal-lemin tat-triq; (iv) Susanne Ruttman kienet ghadha fl-ewwel kwart taz-zebra crossing meta lemhet lill-appellat javvicina z-zebra crossing b'certu velocita' pjuttost qawwija; (v) l-appellat kien qed isuq fuq il-karreggata tax-xellug, imbaghad biddel karreggata u beda jsuq fuq il-karreggata tal-lemin biex spicca tajjar lil Stephan Weber; (vi) Susanne Ruttman rat lill-appellat itajjar lir-raġel taghha li għola fl-ajru kwazi l-gholi tal-vettura qabel ma spicca mal-art; (vii) Susanne Ruttman osservat li meta l-appellat wasal vicin iz-zebra crossing, huwa la naqqas il-velocita' u wisq anqas waqaf u ma semghet l-ebda hoss ta' brejkijiet; (viii) konsegwenza tal-impatt, Stephen Weber sofra ġrieħi gravi, tant li kien fil-periklu tal-mewt; u (ix) il-pulizija nnutaw li l-appellat kien fi stat ta' paniku u xokk u l-vettura tal-appellat garbet hsarat konsiderevoli fuq il-parti ta' quddiem, speċjalment il-windscreen, il-*bonnet* u l-bamper.**

Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet magħmula s'issa, l-esponent jissottometti li jekk għall-argument, ix-xhieda ta' Susanne Ruttman u Stephan Weber jiġu skartati, meta wieħed jixtarr il-kumplament tal-evidenza wieħed jinnota li m'hemmx xhud li attwalment ra l-inċident iseħħ jew xi filmat li juri d-dinamika tal-inċident, u għalhekk jista' jingħad li huma provi ċirkostanzjali. F'dan ir-rigward, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Sultana**, mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Mejju 2022, fejn ġie ritenut hekk:

> *13. … l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem*

*neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.*

*14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa.* ***Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha.***[5] *Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.*

**Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, għalkemm il-kumplament tal-provi (cioe' il-provi kollha għajr ix-xhieda ta' Susanne Ruttman u Stephan Weber) jikkonstitwixxu evidenza indiretta u għalhekk ċirkostanzjali, madankollu, l-esponent jissottometti li meta wieħed jixtarr din l-evidenza fit-totalita' tagħha, wieħed jinduna li hija univoka u tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha, u cioe' li l-appellat kien il-kaġun tal-inċident.**

Dan qiegħed jingħad għaliex l-appellat stess ammetta fix-xhieda tiegħu ta' nhar it-18 ta' Novembru 2020 quddiem il-perit legali Dr Katya Vassallo fuq imsemmija li fit-3 ta'

[5] Enfasi tal-esponent.

Ġunju 2018, għall-ħabta ta' nofs siegħa ta' wara nofsinhar kien qed isuq it-taxi tiegħu fid-daħla tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Huwa spjega li kien dieħel l-Ajruport fejn, wara li qabeż iż-*zebra crossing*, qasamlu raġel minn ġos-siġar, għalhekk għafas il-*break* u waqaf mill-ewwel. Ir-rapport tal-Pulizija u r-rapporti tal-esperti tal-Qorti PS 826 Matthew Parnis u Dr Mario Buttigieg kumplessivament jindikaw li fit-tali ġurnata u ħin, raġel ittajjar viċin iz-*zebra crossing*, jindikaw li kien hemm il-vettura tal-appellat viċin din iż-*zebra crossing*, din il-vettura ġarrbet ħsarat viżibli kompatibbli ma' impatt ma' persuna li ttajret minn din il-vettura, li kien hemm demm mal-art quddiem din il-vettura u li l-appellat ma kellux ostakli quddiem fi triq dritta waqt li hu kien qed isuq il-vettura tieghu u għalhekk seta' facilment jara lir-raġel jaqsam it-triq. Inoltre, ir-rapport ta' Dr Mario Buttigieg jikkonferma li Grazio Vella kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita' ta' bejn tmienja u tletin (38) u erbgha u tmenin (48) kilometru fis-siegha qabel l-impatt ma' Stephan Weber (a folio 68 tal-atti tal-inkjesta).

Illi l-esponent jirrileva li l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat hija dik ipotizzata fl-Artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'referenza għall-artikolu 225 tal-istess Kodiċi. Ix-*chapeau* ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> *226.(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel:*

L-element formali ta' dan ir-reat u l-modi li bihom l-awtur tar-reat ikun irid ġab ruħu biex ikun integrat ir-reat imsemmi fl-Artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali, huma l-istess bħal dawk misjuba fil-Liġi għall-Artikolu 225 tal-istess Kodiċi:

> *(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna lmewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Illi, f'dan ir-rigward, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Owen Xuereb</u>** mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Mejju 2022, fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet is-segwenti:

> *35. Sabiex jitqies integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li tirrikorri:*
>
> *kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talLigijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*[6]
>
> *36. L-istess intqal minn din il-Qorti fl-appell **<u>Il-Pulizija vs. Richard Grech</u>** deċiża nhar il-21 ta' Marzu, 1996:*
>
> *Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik lesperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed*

[6] **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell nhar l-4 ta' Frar 1961.

*ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 talKodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati millesperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.)*

*izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f' dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza talkolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk ilprekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja talhajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'. ….*

*Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, limprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*

37.Taħt il-Liġi Ingliża, il-każ klassiku li jitratta l-elementi tar-reat magħruf bħala Gross Negligence Manslaughter[7] huwa dak ta' **R vs. Adomako**[8] (1995) 1 AC 171 fejn Lord Mackay of Clashfern LC f'paġna 187 tas-sentenza qal hekk:

> *In my opinion, the law as stated in these two authorities Bateman (1925) 19 Cr. App. R. 8 and Andrews v DPP [1937] AC 576 is satisfactory as providing a proper basis for describing the crime of involuntary manslaughter. Since the decision in Andrews was a decision of your Lordships' house, it remains the most authoritative statement of the present law which I have been able to find, and it has not been departed from. On this basis, in my opinion the ordinary principles of negligence apply to ascertain whether or not the defendant has been in breach of a duty of care towards the victim who has died. If such breach of duty is established the next question is whether that breach of duty caused the death of the victim. If so, the jury must go on to consider whether that breach of duty should be characterised as gross negligence and therefore as a crime.*

38. U f'każ iktar riċenti, **R vs. Rudling** (2016) EWCA Crim 741 f'paragrafu 18 intqal hekk dwar l-elementi li jsawu dan ir-reat mill-President of the Queen's Bench Division:

> *We can summarise the law shortly. The critical ingredients of gross negligence manslaughter can be taken from R v Prentice, Adomako and Holloway [1994] QB 302 in this court and Adomako [1995] 1 AC 171, [1994] 99 Crim App R 362 in the House of Lords as well as R v Misra [2005] 1 Cr App R 21. They can be summarised as being the breach of an existing duty of care which it is reasonably foreseeable gives rise to a serious and obvious risk of death and does, in fact, cause death in*

[7] Taħt il-Liġi Ingliża Manslaughter jista', skont il-każ, jew jaqa' taħt il-kappa ta' Gross Negligence Manslaughter jew Corporate Manslaughter b'dan tal-aħħar ikun jirreferi iktar għal sitwazzjoni fejn korp magħqud ta' persuni jkunu responsabbli għall-aġir dannuż milli minn individwu li jkun naqas mill-obbligi tiegħu f'kuntest partikolari bħalma hu xi engineer, tabib jew bennej/kuntrattur.

[8] The Crown Prosecution Service | The Crown Prosecution Service (cps.gov.uk) aċċess: 2 ta' Mejju 2022.

*circumstances where, having regard to the risk of death, the conduct of the defendant was so bad in all the circumstances as to amount to a criminal act or omission (see Adomako [2005] 1 Cr App Rep at 369). The elements of GNM were set out by the House of Lords in R v Adomako [1995] 1 AC 171.*

39. L-iskop wara l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali huwa dak li jipproteġi l-ħajja u l-inkolumita' tal-persuni minn kondotta volontarja u negliġenti, liema negliġenza tkun tikkonsisti 'f'nuqqas ta' ħsieb' (imprudenza), 'traskuraġni', 'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni' tal-awtur tar-reat (imperizja) jew 'f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti' da parti tiegħu.

40. Kif sew osservat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' xi trid tfisser meta tirreferi għal kunċetti ta' 'nuqqas ta' ħsieb' u 'traskuraġni', iżda huwa ċar li hawnhekk ilLeġislatur qiegħed jirreferi għal sitwazzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ħsieb u ta' diżattenzjoni f'kuntest fejn wieħed ikun rikjest jew ikun pretiż minnu li jadopera ċertu kawteli. F'dan ir-rigward il-**Professur Mamo** fil-Lectures in Criminal Law jgħid hekk:

*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.*

41. Kwindi, hawnhekk il-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod **negliġenti** u **bħala konsegwenza diretta** ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie **kkawżat event dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż kien **prevedibbli għalkemm mhux previst**.

42. Illi fejn l-event dannuż iwassal għal mewt jew offiża involontarja fuq il-persuna kaġun ta' inċident awtomobilistiku, l-analiżi tal-provi trid neċessarjament tiċċentra fuq x'kienet il-kawża prossima tas-sinistru stradali biex jiġi mistħarreġ jekk tkunx tirriżulta rabta bejn xi komportament negliġenti tal-awtur u l-konsegwenti mewt jew

korriment tal-vittima f'dan l-inċident. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Christopher Siegersma** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Lulju 2007 fejn intqal is-segwenti:

> *Illi fir-rizoluzzjoni tar-responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti" (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li lvjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim." Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef" [3.12.1960].)*

43. Għaldaqstant l-Artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali jistrieħu fuq:

i. L-element tal-kulpa naxxenti minn komportament volontarju, li jkun magħmul b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila fl-arti/professjoni jew minnuqqas ta' osservanza tar-regolamenti;
ii. Li l-awtur ma jkunx preveda l-event dannuż;
iii. Li jkun hemm l-element tal-prevedibilita' tal-event dannuż ikkawżat; u
iv. Ir-rabta bejn dan l-imġieba volontarja neġliġenti u l-event dannuż.

44. Illi l-kondotta kolpuża imsemmija tista' wkoll timmanifesta ruħha f'żewġ kategoriji ta' mġieba umana, ċioe:

(i) Il-kondotta kolpuża konsistenti fi ksur ta' dawk ir-regoli li huma bbażżati fuq l-esperjenza tal-ħajja komuni jew
(ii) Il-ksur ta' dawk ir-regoli statutorji li jimponu l-osservanza ta' ċerti regoli intiżi sabiex jikkawtelaw u jipprevjenu l-avveniment ta' ċerti inċidenti.

45. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** deċiża nhar is-26 ta' Marzu 1998:

> *L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivanti mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem*

*''nuqqas ta' ħsieb'', ''traskuraġni'' u ''nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni'' filwaqt li dawk irregoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem ''nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti''.* ***Huwa appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-leġislatur mhux qiegħed jirreferi biss għal-leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordniiet eċċ) iżda għal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita u għalhekk qed tirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti ppromulgati minn enti privati (bħal per eżempju r-regolament infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika.***

46. Illi għalhekk fil-każ ta' inċidenti awtomobilistiċi, ir-responsabilita' penali taħt l-Artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali tista' tirriżulta fi ksur kemm tan-normi stradali li timponi l-Liġi (bħal, ad eżempju, il-Highway Code), kif ukoll minħabba ċirkostanzi ta' fatt li jiġu pruvati li juru kif is-sewqan tal-imputat kien nieqes mill-bwon sens, attenzjoni, prudenza u kawtela li tirrikjedi l-esperjenza komuni f'dawk iċċirkostanzi, u liema nuqqas ikun ikkaraterizza s-sewqan tiegħu.

47. It-terminoloġija adoperata fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tikkontempla diversi forom ta' kondotta kolpuża. Fl-appell kriminali f **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg et** deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1998, ġie rilevat is-segwenti:

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili :*

*L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.*

*In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.*

*L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali ċjoe' kif jgħid ilManzini ''inettitudine e insufficienza professjonale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto.''*

*Il-kulpa tista' tkun ukoll dovuta għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe dawk li jkollhom l-element ta' prevenzjoni bħalma hi l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.*

48. **<u>L-element tal-prevedibilita'</u>** tal-event dannuż jakkomuna kull forma ta' kondotta kolpuża. Fi kliem sempliċi, meta d-dannu kkawżat għalkemm mhux prevvist (u volut) seta' kien prevedibbli bleżerċizzju ta' ċerta diliġenza u attenzjoni, allura l-aġir tal-aġent tarreat jiġi klassifikat bħala kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo fin-noti tiegħu **Lectures in Criminal Law**, Volume 1, jagħmel referenza għall-insenjament tal-ġurista Francesco Carrara:

*Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo.*
*Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa*

49. U fuq dan l-element ta' prevedibilita', l-Antolisei, fil-ktieb tiegħu **Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)**[9] filwaqt li jiċċita wkoll lil Francesco Carrara, jgħid li dan qal is-segwenti:

*Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio*

[9] Antolisei, Manuale di Diritto Penale (Parte Generale) (Giuffre', 1997, 14 ed) 364.

*fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita.*[10]

50. L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell **Saverina sive Rini Borg** appena ċitat fejn il-Qorti fissret kif huwa appuntu l-element tal-prevedibbilita' li jiddistingwi l-kolpuż mid-doluż u għalhekk isir ċentrali li jiġi eżaminat l-istat mentali tal-awtur tar-reat sabiex issir din id-distinzjoni:

*Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita' ta' l-event dannuż li kondotta llegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejħa colpa incosciente a differenza minn dik l-imsejħa colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist tal-akkadut.*

51. Kif osservat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal dak li jirrigwarda lprevedibilita' o meno tal-event dannuż jeżistu żewġ teoriji:

a) dik soġġettiva li tenfasizza l-istat mentali tal-awtur tar-reat filmument li jagħmel l-att li jwassal għall-event dannuż f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u,
b) it-teorija oġġettiva li tibbaża t-test tal-prevedibilita' fuq ilperspettiva tal-bonus paterfamilas u ċjoe' ta' persuna ta' sagaċja ordinarja.

52. Minn ħarsa akkurata lejn il-ġurisprudenza Maltija, jidher li teżisti diverġenza fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-test. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli,*** il-Qorti abbraċċjat it-teorija oġġettiva tal-bonuspaterfamilias bħala t-test sabiex tiġi determinata l-prevedibilita' o meno tal-event dannuż:

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li* ***s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta'***

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

***intelligenza, diligenza u sensibilita' normali***[11]*: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza talkaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

53. Madanakollu, fl-appell kriminali **<u>Il-Pulizija vs. Kevin Sammut</u>** deċiż nhar it-23 ta' Jannar 2009, it-teorija tat-test oġġettiv kienet skartata in kwantu ma tikkunsidrax l-istat mentali tal-akkużat fil-mument li jkun qiegħed iwettaq l-għemil krimunuż (negiġenti) **<u>f'dawk iċċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun</u>**:

*Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din ilQorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et. F'dik is-sentenza nghad hekk:*

***"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (lakkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att.***[12] *Kif jispjega Gerald Gordon filktieb tieghu The Criminal Law of Scotland:*

*""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot*

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

*be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."*

*"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:*

*""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.*

*"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."*

*54. Illi f'dan ir-rigward il-Liġi Kriminali Maltija issegwi mill-qrib dan ir-reat kif elaborat anki fil-Codice Zanardelli tal-1889, u dan anke minħabba l-qrubija fil-ħsieb wara r-reat de quo, u fejn it-tendenza hija iktar favur* ***l-interpretazzoni soġġettiva tal-element tal-prevedibilita'*** *u dan skont ma jirriżulta mill-kummentarju ta' diversi ġuristi Taljani fuq ilkunċett tal-kolpuż.* ***Ikun għalhekk ifisser li in fattispecie, irid jiġi eżaminat jekk l-appellant XUEREB, fiċ-ċirkostanzi li kien fihom, setgħax raġonevolment jipprevedi l-inċident bħala konsegwenza tas-sewqan tiegħu u mhux daqstant x'kien jagħmel bniedem ta' sagaċja ordinarja fl-istess***

***sitwazzjoni.*** *Kemm-il darba ikun hekk pruvat li jirriżulta integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 226 (b'riferenza għall-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali), ikun ukoll, per consegwenza jirriżulta integrat ir-reat ta' ħsara involontarja ipotizzat fir-raba' imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant.*

Illi l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Sultana**, mogħtija fis-26 ta' Mejju 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn ingħad hekk:

51. Biss, pero' din il-Qorti jeħtieġ li tistħarreġ ukoll jekk setgħax il-vittma stess ikkontribwixxa għall-fatalita' tiegħu u jekk tali kontribut kienx tant b'saħħtu li jannulla kwalsiasi forma ta' kolpevolezza tal-imputat jew inkella kienx fi grad tali li n-ness bejn is-sinistru stradali u s-sewqan tal-imputat ma jkunx jista' jiġi hekk imxejjen. Hawnhekk qegħdin fir-realm tal-hekk imsejjaħ **'contributory negligence'** liema negliġenza huwa paċifiku li ma teżonerax lill-imputat mir-responsabilita' penali taħt l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jekk din in-negliġenza ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru stradali. Dan ikun ifisser li applikat it-test tal-prevedibilita' u tal-'proper look out', ikun jemerġi li anki sewwieq prudenti u diliġenti, f'dawk iċ-ċirkostanzi, ma seta' qatt jevita li jiġi kkawżat l-event dannuż minħabba l-aġir negliġenti tal-vittma stess.

52. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Anna Rita sive Anita Camilleri** deċiża nhar il-25 ta' Settembru 2003:

*Illi gie umbaghad dejjem ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor , ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor . (App. Kriminali: "Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri" (16.3.1961) ; "Il-Pulizija vs. John Polidano " (3.11.1963) ; "Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud" (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn. ) Dana ghaliex il- "contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru . (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)*

53. Illi l-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Christopher Zammit** deċiża nhar l-20 ta' Settembru 2018:

> *Illi maghdud dan, madanakollu '...f' materja kriminali n-negligenza kontributorja ta' hadd iehor ma teskludix in-negligenza proprju, ammenokke ma tkunx "aktar minn kontributorja", cjoe' deciziva tal-incident' jew 'jekk ma tkunx hi l-kawża unika tas-sinistru' .*

***Multo magis*, l-esponent jisħaq li l-appellat kellu l-obbligu li jżomm *a proper lookout*. Huwa kellu joqgħod attent u jnaqqas il-veloċita' tal-vettura tiegħu meta kien qed javviċina ż-żona taż-zebra crossing. Dan, *pero'*, l-appellat m'għamlux, tant li lanqas biss ra lill-*parte civile* jaqsam it-triq u spiċċa tajru. Dan ifisser li l-appellat ma żammx *a proper lookout*.**

F'dan ir-rigward, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ryan Sultana***, fuq imsemmija, fejn, fir-rigward tal-prinċipju "*proper lookout*", din l-Onorabbli Qorti qalet is-segwenti:

54. Issa, għal dak li jirrigwarda l-element tal-'proper look out' meħtieġ minn kull sewwieq prudenti u diliġenti, din il-Qorti tagħmel pjena referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018:

> *"Ibda biex ......, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn ilpedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs.*

*DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)*

*Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak iddriver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u talkonsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din lemergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car 5 iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghallgharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI. p.iv. p.765)"*

*Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk issitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente." ….. ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'lhekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

*3. la possibilita di prevedere. Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."* ***Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. 6 Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been***

***foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".

***L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx***: *"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

*Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza,*

*imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."*

55. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Shaun Debono** deċiża nhar it-18 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti fuq il-kunċett ta' 'proper look out':

> *Illi hu ovvju li l-ewwel u l-laqwa mod kif wieħed jista' jassikura ruħu minn dan hija billi jeserċita 'a proper look out' u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiż-żewġ direzzjonijiet.* ***Illi hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb 'il quddiem, u lejn il-lemin tiegħu kien jara il-mutur ġej jeljh. Dan il-mutur ma waqax mis-sħab jew immaterjalizza fittriq proprju kif hu kien qiegħed jittanta jaqsam il-karreġġjata. Bil-fors li kien ilu viżibbli għal ċertu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa' jinsisti li hu fl-ebda ħin ma ra l-mutur qabel l-ħabta, qed jinkrimina ruħu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.***[13]

56. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-isteering wheel f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bilgħaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-proper look-out bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.

Is-sewwieq irid dejjem iżomm proper look-out u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians.

---

[13] Enfasi tal-esponent

Id-dover ta' proper lookout:

*: '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] )." In oltre "..kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :-*

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

57. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal kawża **Horace Balzan Falzon Wintrup vs. Joseph Attard** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) fit-30 ta' Lulju 2010 fejn intqal issegwenti fuq il-kunċett ta' 'proper look out' f'materja ta' inċidenti stradali:

*Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fissewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont taccirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tattraffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. "Side road user [ghandu] 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli" "Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u filgurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull*

*sewwieq li jirregola ssewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bixxita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…."*

***Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view**. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view". Konformament mal-premess u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out".*

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Joe Ross Portelli</u>** mogħtija, riċentement, fl-1 ta' Novembru 2024, din l-Onorabbli Qorti rriteniet is-segwenti:

*Din l-Qorti m'għandiex dubbju, bhall-Ewwel Qorti, qabilha illi li kieku l appellant uża 'proper look out' huwa kien jara il-borza f'nofs ta triq u kien jieqaf jew jirrallenta tempestivament biex b'hekk l-inċident kien jigi evitat. Fuq kollox l elementi tal-culpa jistriehu fuq l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuz. Huwa biss meta l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix, u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hijiex inkriminabbli, illi l-gudikabbli jista' jigi ezenti mill-htija.*

*Gie ritenut "in subiecta materia" illi l-"pedstrian" ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover*

*li juza prudenza biex jaqsam, Jekk il-"pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid- "driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-"pedestrian" krejata lid-"driver", blimprudenza tieghu, emergenza subitanea 5 imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat" jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.*[14]

Illi sabiex sewwieq ikun eżentat minn kwalunkwe responsabbilita' għall-investiment ta' kwalisasi natura, irid ikun hemm prova ċara tal-hekk imsejjħa 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian jew mill-oġġett meta is-sewwieq ikun għaddej fit-triq, emergenza li tpoġġi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta għaddiet biex telenka liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jżimi ruħu minn kull responsabbilta għall investiment meta ingħad hekk:

*"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv talpedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

[14] Pulizija vs Anna Rita sive Anita Camilleri Deċiża nhar il-25 ta' Seettembru 2003 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

*"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv talpedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti; b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo; c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

Dan japplika anke f'dan il-każ minkejja li ma kienx hemm pedestrian qed jaqsam iżda kien hemm borża taż-żibel f'nofs ta' triq. Hawnhekk jidħol il-kunċett ta' proper look out. lli ġie ukoll ritenut li hu dover ta' driver" to see what is in plain view" (App.Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Vella**[15] u li min ma jarax dak li ragonevolment għandu jara, jfisser li ma kienx qed iżomm "a proper lookout" (App.Krim. **Il-Pulizija vs. J. M.Laferla**.[16] Illi fir-riżoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn inċidenti awtomobilistici, għandu dejjem jiġi eżaminat x'kienet il-kawża prossima tas-sinistru (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**[17]" u sabiex ikun hemm responsabbilta' għall-kolliżżjoni jinħtieġ li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawża prossima tal-kolliżżjoni. (App.Krim.**Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef**[18].) F'dan il-każ indubbjament il-manuvra nkonsulta għall-aħħar tal-appellant meta ma waqafx qabel il-borża sabiex jesplora aħjar it-triq. Minn imkien ma jirriżulta li ssewwieq irrallenta mhux hekk talli mill-filmat jidher li kien miexi b'ċertu speed tant li anke tkaxkar bis-

[15] Deciz mill-qorti tal-appelli kriminali nhar l-10 ta' Awwissu 1963
[16] Deciz mill-qorti tal-appelli kriminali nhar is-17 ta' Gunju, 1961
[17] Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217
[18] Deciz mill-qorti tal-appelli kriminali nhar it-3 ta' Diċembru 1960

saqaf ma l-art. Ili hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb `il quddiem, kien jinduna bil-borża taż-żibel ferm qabel ma wasal proprju ħdejha. Din il-borza ma waqgħetxx mis-sħab jew immaterjalizzat fit-triq proprju kif hu kien qiegħed għaddej. Bil-fors li kienet ilha viżibbli għal ċertu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa` jinsisti li hu f'ebda ħin qabel ma wasal ħdejha ma nduna biha, qed jinkrimina ruħu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.

Jigi imfakkar dak li intqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell preseduta minn Prim Imħallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andre Apap** meta dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[19] (fir-rigward tad-definizzjoni ta' sewqan traskurat u appuntu:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat."*

Il-fatt li sewwiq ma juzax a proper look out ifisser li qed isuq b'manjera traskurata.

Di piu', l-esponent jagħmel referenza għar-**Regolament 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema Regolament jgħid hekk:

> *127. (1) Ebda vettura bil-mutur ma għandha teċċedi l-limituta' veloċità kif muri fit-tabella ta' hawn taħt:*

[19] Vol. LXXXI.iv.157

| | | |
|---|---|---|
| ***L-ikbar** **veloċità** **f'kilometri** **fis-siegħa** Klassi ta' vettura* | *Fl-ibliet u fl-irħula* | *Barra l-ibliet u l-irħula* |

***(A) Armati b'tyres pnewmatiċi***

| | | |
|---|---|---|
| *Taxicars ..........* | *50* | *80* |

*(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità tista' tippreskrivi dwar kull triq jew area partikolari limitu ta' veloċità inqas minn dak speċifikat fis-subregolament (1)*

F'dan ir-rigward, l-esponent jagħmel referenza għall-**Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq (*Highway Code*),** fejn hemm miktub hekk:

***Sewqan f'inħawi mibnija***
***191. Toroq residenzjali dojoq.***
***Dejjem għandek issuq bil-mod u b'attenzjoni speçjalment fejn ma jkunx hemm bankini jew sidewalks fejn jistgħu jkun hemm pedestrians**, cyclists jew karozzi pparkjati. **F'xi nħawi, jista' jkun hemm limitu ta' l-ogħla veloċità ta' 35 kph.** Oqgħod attent għal:*
- *vetturi li jkunu ħerġin minn trejqiet jew garaxxijiet.*
- *vetturi li qed jaqilgħu (speċjalment dawk mingħajr ma jagħmlu sinjali).*
- ***pedestrians li jkunu jużaw il-karreġġata.***[20]

....

*268. Oqgħod attent għal xi pedestrian li jitfaċċa minnufih minn wara vetturi weqfin jew xkiel ieħor. Oqgħod aktar attent dwar dan ħdejn skejjel u bus stops.*

**L-esponent jisħaq li l-appellat tajjar lill-*parte civile* bil-konsegwenza li dan weġġa' proprju għax l-appellat ma żammx *a proper lookout*, bħal ma jkun mistenni minn**

[20] Enfasi tal-esponent.

**sewwieq prudenti u diliġenti, waqt li kien qed isuq f'żona fejn ikun hemm ħafna nies jimxu sabiex imorru lejn l-ajruport u vice versa kif ukoll viċin zebra crossing. Dan il-fatt ġie konfermat ukoll mill-espert tekniku maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Mario Buttigieg (a folii 71 u 72 tal-atti tal-inkjesta) u mill-espert perit legali maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati Dr Katya Vassallo (a folio 116 tal-atti tal-inkjesta). Li kieku l-appellat żamm *a proper lookout* u kien prudenti u diliġenti, kien ikun f'pożizzjoni li jara lill-*parte civile* jaqsam it-triq u għalhekk l-appellat kien jippreveni l-event dannuż li kien prevedibbli in kwantu huwa ma kienx jibqa' sejjer dritt qabel ma jaċċerta ruħu li ma kienx hemm nies jaqsmu t-triq/zebra crossing u għalhekk ma kienx iweġġa' lill-*parte civile*.**

Pero' għall-kuntrarju, l-appellat kien għaddej b'velocita' eċċessiva għal dik it-triq u ż-żona fejn seħħ l-inċident. Huwa ma kellux ostakoli fit-triq u seta' jara lil Stephan Weber u Susanne Ruttman jaqsmu t-triq. Huwa kien għadu 'l bogħod meta Stephan Weber beda jaqsam it-triq u għalhekk kellu ċ-ċans kollu jnaqqas il-veloċita' tal-vettura tiegħu li kieku żamm a *proper lookout*. Fil-fatt, Stephan Weber kien laħaq qasam tliet kwarti tat-triq meta ntlaqat mill-appellat. Di piu', l-impatt kien tant qawwi li Stephan Weber għola fl-ajru kważi l-għoli tal-vettura u faqa' l-windscreen ta' quddiem tal-vettura tal-appellat u għattan il-bonnet. Dan juri li, kuntrarjament għal dak li allega l-appellat li kien għaddej b'veloċita' ta' bejn 25 u 30 kilometru fis-siegħa, l-appellat kien attwalment għaddej pjuttost b'veloċita' eċċessiva għax kieku l-impatt ma kienx ikun daqshekk qawwi u l-ħsarat tal-vettura ma kinux ikunu daqshekk sostanzjali.

**Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-esponent iqis li l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat hija ppruvata sal-grad rikjest mill-Liġi. Mill-provi prodotti jirriżulta li kien l-appellat li kkaġuna l-inċident in desamina. Jirriżulta wkoll li s-sewqan tiegħu jaqa' fil-parametri ta' sewqan traskurat, magħmul b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti *ai termini* tal-Artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *Inoltre*, b'konsegwenza diretta tal-aġir tal-appellat, Stephan Weber sofra ġrieħi gravi tant li kien fil-periklu tal-mewt, kif konfermat minn Dr Andrea Fenech, detentur tar-reġistrazzjoni medika numru 3685, fiċ-ċertifikat tiegħu li ġie mmarkat bħala Dok AM 5, jifforma parti mir-rapport tal-perit**

**legali maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati Dr Katya Vassallo u inserit a folio 147 tal-atti tal-inkjesta, u kkonfermat ukoll mill-espert mediku maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Mario Scerri fir-rapport tiegħu, senjatament *a folii* 45 u 46 tal-atti tal-inkjesta. Fil-fatt, *a folio* 46, Dr Scerri kkonferma li l-leżjonijiet li sofra Stephan Weber fil-moħħ (*periorbital, fronto-temporo parietal* u *subdural haematoma*), fil-wiċċ (*frontal bone, zygomatic bone, anterior maxillary wall,* fid-driegħ ta' fuq (*humerus*) u fir-riġel t'isfel (*fibula*) kienu kollha ta' natura gravi *per durata*.**

**Illi għalhekk, b'kull dovut rispett, l-esponent jissottometti li fil-każ *de quo*, l-apprezzament tal-provi u l-analiżi tal-fatti u tal-prinċipji legali tal-Qorti tal-Maġistrati kienu żbaljati. Dik il-Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet u l-appellat kellu jinstab ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.**

Semgħet lill-partiiet nhar id-9 ta' Mejju 2025 jittrattaw l-eċċezzjoni dwar in-nullita tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali għaliex fil-fehma tal-appellat dan ġie preżentat tardivament.

**Ikkunsidrat,**

Illi din hi sentenza li ser tingħata biss u **limitatament** dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mid-difiża u cioe li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa null għaliex ġie preżentat tardivament.

Jingħad li s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-26 ta' Novembru, 2024 (fol. 58). Illi a fol. 61 tal-atti hemm preżentat ir-rikors tal-appell ta' l- Avukat Ġenerali datat 26 ta' Diċembru 2024.

Illi nhar is-7 ta' Mejju, 2025 l-appellat ippreżenta ir-risposta tiegħu (fol. 116) fejn *in primis* iddikjara li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ippreżenta nota sabiex jsir appell mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti nhar it-2 ta' Diċembru, 2024 (fol. 73 tal-atti) u fil-fatt jgħid li din in-nota ġiet preżentata tard. Dan għaliex fil-fehma tiegħu t-terminu sabiex

il-Kummissarju tal-Pulizija bil-miktub jitlob li l-atti jkollu aċċess għalihom kien jgħalaq nhar id-29 ta' Novembru 2024 u mhux fit-2 ta' Diċembru 2024.

L-appellat isostni li t-terminu perentorju tal-artikolu 414 (1) tal-Kodiċi Kriminal jibda jgħodd mhux mill-għada iżda mill-jum li fih tingħata s-sentenza li minnha l-Kummissarju tal-Pulizija ikun jixtieq li l-Avukat Ġenerali jintavola appell. Fil-mument li dan it-terminu jiġi miksur jintilef id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali .

Illi appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali huwa regolat permezz tal-artikoli 413 et seq. tal-Kodiċi Kriminali fejn fl-artikoli 414(1) u 417(1) jingħad illi:

> *414.(1) Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza, tibgħat lill-Avukat Ġenerali, bil-mezz tar-reġistratur, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.*
>
> *417.(1) L-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tnax-il jum tax-xogħol, li jibdew igħaddu, għall-persuna misjuba ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva, u, għall-Avukat Ġenerali, minn dak in-nhar li jirċievi l-atti.*

Kwantu għall-ewwel eċċezzjoni din il-Qorti tosserva illi s-sentenza appellata ngħatat nhar it-26 ta' Novembru 2024. Skond l-Artikolu 414(1) tal-Kodiċi Kriminali, in-nota ta' appell tal-Kummissarju tal-Pulizija għandha tiġi preżentata mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza u cioe nhar it-2 ta' Diċembru 2024. Illi skond is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **__Il-Pulizija v Charles Azzopardi__** nhar it-3 ta' Diċembru 2001 il-"*jiem tax-xoghol*" huma dawk il-ġranet (i) li ma humiex btajjel pubbliċi skond l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi Oħra (Kap. 252), u (ii), b'disposizzjoni speċjali tal-Kodiċi Kriminali l-

Artikolu 696 – is-Sibtijiet huma wkoll mhux meqjusa bħala "jiem tax-xogħol". Il-ġranet l-oħra kollha, indipendentement minn jekk ir-reġistru tal-Qorti jiftaħx jew le, huma meqjusa bħala "*jiem tax-xogħol*" (ara **Il-Pulizija v. Mario P. Vella**,[21]**).** Illi d-difiża issostni li it-terminu perentorji ta' erbat ijiem skada qabel u cioe fid-29 ta' Novembru 2024 għaliex il-jiem fil-fehma tagħha jibdew jiddekorru minn dakinhar li ġiet mogħtija is-sentenza. Dwar dan il-liġi hija sajma u għalhekk din il-Qorti għamlet referenza għas-sentenzi ta' dawn il-Qrati.

Fir-rispota tiegħu l-appellat eċepixxa n-nullita ta' l-appell tal-Avukat Ġenereali peress illi ġie ppreżentat "fuori termine" b'ġurnata. Jirrileva li t-terminu għall-Avukat Ġenerali jibda għaddej minn dakinhar illi jkun irċieva l-Atti u mhux l-għada, f'liema każ allura r-rikors ta' l-appell huwa tardiv. Minn naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali wieġeb għal din l-eċċezzjoni u rrileva illi t-terminu statutorju jibda għaddej mill-għada li l-persuna konċernata, f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, ikun irċieva l-Atti u mhux minn dik il-ġurnata stess. Għalhekk ir-rikors kien ippreżentat fit-terminu u l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

It-termini ghall-Avukat Ġenerali huma regolati bl-Artiklu 414 u l-Artiklu 417 tal-Kap 9. L-Artiklu 414 (1) jagħti terminu ta' erbat ijiem tax-xogħol għan-nota illi l-Avukat Ġenerali bi ħsiebu jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u jimponi terminu ta' tliet ijiem sabiex l-Atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali. L-Artikolu 417 (1) tal-Kap 9 jgħid illi l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta r-rikors ta' l appell tiegħu fi żmien tnax-il-jum tax-xogħol **minn dak inhar li rċieva l-Atti tal-kawża** (sotto linjar ta' din il-Qorti). Filwaqt illi t-terminu ta' tliet ijiem tal-Maġistrat ma jaffettwax id-dritt ta' l-Avukat Ġenerali illi jippreżenta r-rikors anke jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun ħadet aktar minn tliet ijiem biex tibgħat l-Atti lil Avukat Ġenerali (ara **Il-Pulizija kontra Charles Micallef**, appell kriminali 10 ta' Diċembru, 1990 u **il-Pulizija vs Biagio Muscat** deċiż mill-istess Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Novembru 2003), in-nota tal-Pulizja illi bi ħsiebhom jappellaw mis-sentenza għandha tiġi ppreżentata fit-terminu ta' erbat ijiem tax-xogħol liema terminu huwa wieħed fatali u jaffettwa d-dritt ta' l-Avukat Generali illi jappella jekk in-nota tidħol tardiva (**Il-Pulizija vs James**

[21] App. Krim. Deciz nhar it-30 ta' Lulju, 1992

**Barbara**, 17 ta' Jannar, 2013). Pero' darba l-Avukat Generali jirċievi l-Atti mill-Qorti tal-Maġistrati dana għandu terminu fatali ta' tnax-il jum tax-xogħol minn dakinhar illi rċieva l-Atti tal-kawza u mhux mill-għada li jkun irċevihom.

Il-Liġi hija ċara f'dan ir-rigward u tispeċifika eżatt meta għandu jibda t-terminu ta' erbat ijiem tax-xogħol għan-nota illi l-Avukat Ġenerali bi ħsiebu jappella mis-sentenza tal-Qorti tal Maġistrati. Illi s-sentenza ngħatat nhar is-26 ta' Novembru 2024 jum it-Tlieta u għalhekk erbat ijiem xogħol minn dakinhar tas-sentenza tigi nhar id-29 ta' Diċembru 2024 u mhux it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024 kif donnu qed jippretendi l-Avukat Generali u dan għaliex l-leġislatur jgħid fl-artikolu 414 li l-erbat ijiem jibdew jiddekorru minn dakinhar li ngħatat is-sentenza għalhekk dan ifisser li l-jum meta ingħatat is-sentenza għandha tingħad ai fini ta' komputazzjoni tal-erbat ijiem.

Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs James Barbara** deċiża fis-17 ta' Jannar 2013 fejn intqal is-segwenti:-

> *"Waqt illi t-terminu moghti lill-Qorti li ppronuncjat is-sentenza biex titrasmetti l-atti ma jgibx in nullità tal-appell jekk ma jigix osservat, ghal kuntrarju, it terminu moghti lill-pulizija huwa termini fatali anki ghall appell tal-Avukat Generali."*

Għalhekk din il-Qorti qed tiddikjara l-appell tal-Avukat Ġenerali *fuori termine* u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-każ.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imħallef**

**Maria Grech**
**Deputat Reġistratur**